FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI
*Foundation for Educational Services*

## Workshop Numru 2

**Fiona Falzon**
**Il-Ġimgħa u s-Sibt**
**Lingwa: Malti**

# Il-Ġenituri bħala kittieba - mudell għat-tfal tagħhom Persuna li nafu sew

## Deskrizzjoni tal-Workshop

Għat-tfal tagħhom, il-ġenituri jistgħu jservu ta' mudell tassew tajjeb fil-kitba. Meta l-ġenituri u t-tfal jaħdmu flimkien, jistgħu jaqsmu l-esperjenzi tagħhom u b'hekk jgħinu lil xulxin. Dan il-workshop se jagħti ċans lill-parteċipanti biex jesploraw u jużaw teknika tal-kitba li fl-aħħar se twassalhom għall-kitba deskrittiva tagħhom. Waqt li l-ġenituri jsiru jafu modi ġodda kif jgħinu lit-tfal tagħhom jiktbu aħjar, it-tfal ikollhom ċans japprezzaw il-kitbiet tal-ġenituri tagħhom. Iż-żewġ naħat jifhmu u jindunaw kemm wieħed jieħu pjaċir meta jipproduċi biċċa kitba.

### Nota Bijografika

Fiona Falzon B.Educ (Hons) iggradwat mill-Universita ta' Malta fl-1995 bi speċjalizzazzjoni fit-tagħlim tal-*Early and Middle Years* u fit-tagħlim ta' l-Ispanjol. Għallmet l-iskola ta' l-Imqabba għal disa' snin u għallmet ukoll l-Ingliż lill-istudenti barranin fis-sajf. Ipparteċipat fit-tielet 'Invitational Writing Workshop' organizzat mill-Malta Writing Programme f'Ġunju ta' l-2002, u wara dan bdiet tuża l-proċess tal-kitba fil-klassi tagħha. Hi *tutor* fi Klabb Kittieba Żgħar. F' Mejju li għadda mexxiet ukoll 'Workshop' ta' kitba għall-familji fl-istess klabb.